Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Numru 2/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Thafer Idris Gaballah Salem**

Il-Qorti:

Dan hu appell interpost minn Thafer Idris Gaballah Salem, permezz ta' rikors datat 7 ta' April, 2003, kontra s-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tieghu fis-17 ta' Marzu, 2003. L-imsemmi Thafer kien akkuzat fl-

ewwel kap tal-Att ta' Akkuza bir-reat ta' assocjazzjoni ghall-fini ta' importar, bejgh jew traffikar ta' medicina perikoluza (erojina) f'Malta bi ksur tal-ligi; fit-tieni kap kien akkuzat talli importa l-imsemmija medicina perikoluza bi ksur tal-ligi; u fit-tielet kap kien akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu f'Malta u bi ksur tal-ligi l-imsemmija erojina (f'ammont ta' ftit anqas minn nofs kilogramm) taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu. Ir-reati jirrisalu ghal Awissu/Settembru tas-sena 2001.

Fl-udjenza tas-17 ta' Marzu, 2003 l-imsemmi Thafer, assistit minn zewg avukati difensuri u minn interpretu, ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u ppersista f'din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti Kriminali wissietu solennement dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u taghtu zmien biex jekk irid jerga' lura minnha. Fil-kors ta' l-imsemmija udjenza il-hati offra d-deposizzjoni tieghu (assistit dejjem minn interpretu) u wara din id-deposizzjoni, il-Prosekuzzjoni irregistrat is-segwenti verbal:

**Il-prosekuzzjoni taqbel illi f'dan il-kaz ghalkemm l-att ta' l-akkuza huwa maqsum fi tlett kapi differenti r-reati hemm dedotti jistghu facilment jigu assorbiti fit-tielet kap tal-akkuza fit-termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Krminali. Il-Prosekuzzjoni taqbel illi f'dan il-kaz wara li sema' *(sic!)* l-Ispettur Josric Mifsud hu l-kaz li favur l-akkuzat jigi applikat l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

B'sentenza moghtija dik il-gurnata stess, cioe` 17 ta' Marzu, 2003, il-Qorti Kriminali kkundannat lill-Thafer Idris Gaballah Salem ghall-piena ta' disa' snin prigunerija (li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li l-akkuzat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz), multa ta' tnax-il elf lira (Lm12,000) konvertibbli f'sena prigunerija "fin-nuqqas ta' hlas minnufih", mija tnejn u hamsin lira u hamsa w ghoxrin centezmu (Lm152.25) spejjez peritali, kif ukoll ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli jew immobbli ohra tal-hati; fl-ahhar nett dik il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tal-oggetti

kollha ezibiti li jikkonsistu f'medicini perikoluzi jew oggetti relatati mal-abbuz tad-droga mill-Ispizjar Mario Mifsud taht is-supervizjoni diretta tad-Deputat Registratur ta' dik il-Qorti li kellu jirraporta lill-istess Qorti bil-miktub meta din id-distruzzjoni tkun saret; u dan wara li dik il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

**Ikkunsidrat dwar il-piena li l-hati fil-bidu tal-investigazzjoni ma stqarrx mal-ewwel li l-*pouch* bid-droga kien tieghu w beda jghid li ma jaf xejn u ma riedx iwiegeb u li d-droga ma kienitx tieghu. Kien umbaghad meta xehed quddiem il-Magistrat tal-Ghassa illi ammetta l-involviment tieghu bla riservi. Qieset ukoll li fl-ewwel opportunita` li kellu l-hati, permezz tan-nota tieghu tal-31 ta' Jannar, 2003 ammetta mill-ewwel il-htija tieghu, ammissjoni li regghet giet ikkonfermata seduta stante illum.**

**Li f'dal-kaz si tratta ta' pusses u importazzjoni ta' 448.4 grammi tat-trab eroina li kellu purita` ta' 65% u, kif taqbel anke l-Prosekuzzjoni, il-partecipazzjoni tieghu fl-assocjazzjoni, importazzjoni w pussess tad-droga kien wiehed determinanti ghalkemm sekondarju w li l-hati ghandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**Qieset ukoll l-eta` tal-hati, il-fatt li hu talab mahfra w li wera d-dispjacir tieghu kif ukoll li l-akkuzat ilu arrestat minn Settembru 2001 in konnessjoni ma' dan ir-reat kif ukoll il-fatt li l-hati xehed li f'xi okkazzjonijiet kien ha l-kannabis u dan l-ahhar darba xi erba xhur qabel ma gie Malta u nqabad;**

**Qieset ukoll il-kwalita`, il-kwantita` tad-droga w il-purita` taghha;**

**Qieset ukoll il-gurisprudenza tal-Qrati lokali w esteri li tirrigwarda t-tnaqqis fil-piena minhabba ammissjoni bikrija w partikolarment is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emanuel Testa" (17/7/2002) li fiha hemm riferenza ghal sentenzi ohra w citazzjonijiet mill-**

**Blackstone's Criminal Practice, kif ukoll il-lista tal-gurisprudenza lokali f'materja ta' drogi fejn kien hemm ammissjoni u l-appikazzjoni tal-artikolu 29 fuq imsemmi, citata mid-difiza;**

**Qieset ukoll li l-hati impenja ruhu bil-gurament li jixhed fil-processi kriminali kontra persuni ohra involuti fil-kaz;**

**Qieset mill-banda l-ohra dak li ssottomettiet il-Prosekuzjjoni li kull kaz ghandu l-fattispeci tieghu w li fejn si tratta ta' piena wiehed ma jistax jimxi bil-mizien ezatt ma' kazijiet ohrajn u li f'kull kaz irid jinghata messagg li jkun ta' deterrent ghal nies ohra li jassoccjaw ruhom biex jimportaw f'Malta drogi w sustanzi perikoluzi ghad-detriment tas-socjeta` Maltija.**

Din il-Qorti tistqarr li ma kienx facli ghaliha li taghmel sens mill-korp tar-rikors ta' appell li fih argumenti imqeghdin f'sekwenza imhawda u bi ftit li xejn ta' ordni logiku jew sekwenza logika, u dan anke wara li semghet it-trattazzjoni orali fl-udjenza tas-17 ta' Lulju, 2003. Bazikament, pero`, jista' jinghad li l-appellant ghandu aggravju wiehed, u cioe` li l-piena inflitta kienet severa zzejjed u dan peress li "giet inflitta [piena] b'mod li jikser id-dritt fondamentali tal-appellant ta' smigh xieraq billi nghat piena severa attapposta sabiex jintbaght messag ta' deterrent lil kriminali". Skond l-appellant,

**Piena severa biex jintbaght messag deterrenti lil xi hadd tikser id-dritt fondamentali tas-smigh xieraq billi biha tezisti d-dehra ta' parzjalita` personali min naha tal-gudikant li allura mill-bidu nett kien personalment favur it-tezi prospettata mill-Prosekuzzjoni li ghandha tinghata piena harsa [<u>recte</u>: harxa]. (dan nonostante d-dikjarazzjoni li kien applikabbli l-artikolu 29) Meta l-Qorti qalet li ridet tibghat messag deterrenti bil-piena inflitta fuq l-akkuzat, ifisser li ma kienx hemm *equality of arms*.**

Isegwu, imbaghad, tliet faccati ta' argumenti biex l-appellant jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li l-fatt li l-ewwel Qorti tkelmet f'termini ta' "deterrent" hija mhux biss kienet qed tinnewtralizza l-effett tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101, izda kienet qed turi "a pre-formed opinion" da parti tal-gudikant, u li kien hemm l-"apparenza" ta' parzjalita` personali da parti tal-gudikant ta' l-ewwel grad. L-appellant isostni wkoll li l-ordni ta' konfiska tal-proprjeta` tieghu ma kellux jinghata mill-ewwel Qorti meta ma kienx hemm prova "…illi l-flus li instabu fuq l-appellant meta inqabad mill-pulizija kienu qliegh min [recte: minn] xi droga traffikata f'Malta"; u

**Illi bil-fatt illi l-Qorti abracat it-tezi tal-prosekuzzjoni li l-hati kellu jinghata piena li biha kellu jintbaght messag deterrenti, l-Qorti naqqset li toffri l-guaranziji necessarji biex turi li hija kienet personalment imparzjali.**

Frankament din il-Qorti ilha ma tara appell ibbazat fuq argumenti fieragh bhal dawk migjuba mill-appellant f'dana l-kaz. L-appellant donnu jippretendi li ghax l-ewwel Qorti esprimiet ruhha, f'wahda minn diversi konsiderandi, fis-sens li l-piena li tinghata kellha sservi ta' deterrent generali, allura dik il-Qorti ma baqghetx wahda imparzjali jew li wriet xi parzjalita` ghax "abbraccat" it-tezi tal-prosekuzzjoni. L-ewwel nett, ghandu jinghad li l-fatt wahdu li qorti tabbracca tezi jew ohra – tal-prosekuzzjoni jew tad-difiza – wara li tkun semghet lill-partijiet skond il-ligi, ma jfissirx li allura dik il-Qorti ma baqghetx aktar imparzjali meta giet biex taghti s-sentenza, jew li ma kinitx imparzjali waqt li qed tismaghhom – kieku kien hekk, ebda sentenza f'ebda kawza ma tista' tinghata minghajr ma parti jew ohra tinvoka l-parzjalita` tal-gudikant *ex post facto*! Anqas ma jista' remotament jinghad li ghax gudikant f'kawza penali jfisser li fis-sentenza li ser jaghti qed izomm f'mohhu l-element tad-deterrent, allura dak il-gudikant ma baqax aktar imparzjali, jew li l-gudikabbli ma kellux smiegh xieraq skond il-ligi. Ma hemmx dubbju li l-element ta' deterrent, specjalment fil-kaz ta' reati premeditati (a differenza ta' dawk li jigu kommessi "on the spur of the moment") hi konsiderazzjoni legittima li Qorti

tista', u hafna drabi ghandha, izzomm quddiem ghajnejha fil-ghoti tal-piena; u ghalhekk jaghmel sens li dik il-konsiderazzjoni tissemma espressament fis-sentenza. S'intendi, hemm dejjem l-element tal-proporzjonalita`: qorti ma tistax, bl-iskuza tad-"deterrent", taghti piena li ma tkunx gustifikata fuq il-fatti li jirrizultaw mill-provi. Fi kliem David A. Thomas,

**It has been argued that the objective of general deterrence may justify the choice of a tariff sentence rather than an individualised measure, and it is argued later that the same objective may justify a sentencer in allowing no weight to mitigating factors which would normally result in a significant reduction in sentence; but general deterrence is not held to justify a sentence which is excessive in relation to the facts of the offence concerned. In so far as the term 'exemplary sentence' forms part of the Court's vocabulary, it refers to a sentence which, to serve the purpose of general deterrence, relates strictly to the facts of the offence and makes no allowance for any mitigating factors. Many cases can be cited in support of the general proposition that a deterrent sentence must not be disproportionate to the offence for which it is imposed.** [1]

Dak li evidentement l-appellant mhux japprezza, jew ma jistax jifhem, hu li l-piena applikabbli ghar-reati li taghhom huwa ammetta l-htija (anke jekk assorbiti kif indika l-Avukat Generali) kienet dik tal-prigunerija ghall-ghomor – liema piena ma tistax titnaqqas bi grad jew tnejn skond l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 – jew, f'kaz li jigi applikat, kif f'dan il-kaz gie applikat, il-proviso tal-Artikolu 22(2)(i) tal-Kap. 101, piena ta' minn minimu ta' erba' snin sa massimu ta' tletin sena prigunerija u multa ta' mhux anqas minn elf lira u mhux aktar minn hamsin elf lira. Bit-tnaqqis ta' grad jew tnejn skond l-Artikolu 29 imsemmi, il-parametri tal-piena jsiru:

minn tliet snin sa ghoxrin sena – tnaqqis ta' grad,

---

[1] ***Principles of Sentencing***, Heinemann (London), 1979, pp. 35-36.

minn sentejn sa tnax-il sena – tnaqqis ta’ zewg gradi.

Ghalhekk il-piena ta’ prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti fuq l-appellant kienet entro l-parametri ta’ dak li tipprovdi l-ligi anke meta wiehed japplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101, b’mod ghalhekk li ma jistax jinghad, kif qed jallega l-appellant, li l-ewwel Qorti, bil-piena li tat, innewtralizzat l-effett tal-imsemmi Artikolu 29. L-istess jinghad kwantu ghall-piena pekunjarja. L-ewwel Qorti kellha kull dritt, u sewwa ghamlet, meta hadet in konsiderazzjoni li f’kazijiet bhal dawk in dizamina il-piena ghandha sservi ta’ deterrent generali sabiex tigi protetta s-socjeta` mill-importazzjoni ta’ drogi u sustanzi perikoluzi f’Malta.

Anqas ma hu korrett l-appellant fl-ilment tieghu dwar l-ordni ta’ konfiska. Hu evidenti ghal min jiehu l-izbriga li jhares lejn il-ligi applikabbli ghall-kaz, li l-konfiska f’dan il-kaz ma saritx in virtu` tal-Artikolu 23(1) tal-Kodici Kriminali, izda in virtu` tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101, paragrafu li jibqa’ applikabbli minkejja l-assorbiment indikat mill-Avukat Generali u l-applikabilita` tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, u dana stante li r-reat “l-aktar gravi” jibqa’ jew dak kontemplat fl-ewwel kap jew dak kontemplat fit-tieni kap, u li ghalih japplika l-Artikolu 22(3A)(d) imsemmi (ara l-Artikoli 22(1B) u 24A tal-Kap. 101).

Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti qieghda, ghal kull buon fini, tiddikjara li in kwantu r-rikors ta’ appell jista’ jiftiehem li qed iqanqal xi kwistjoni taht l-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni jew taht l-Artikolu 4(3) tal-Kap. 319, tali kwistjoni hija semplicement frivola u vessatorja, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------